MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 45/2011

**Appell Nru: 35/2009/RT fl-ismijiet:-**

**Victor Scerri**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 10 ta' Ottubru 2011 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi permezz ta' appell imressaq quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar nhar is-27 ta' Frar 2009, Victor Scerri appella minn rifjut mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp nhar it-13 ta' Frar 2009.

Illi l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ipprezentat ir-risposta taghha nhar it-3 ta’ April 2009.

Illi permezz ta’ sentenza mogħtija nhar it-22 ta’ Settembru 2011, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda l-appell fl-ismijiet hawn fuq premessi bil-mod segwenti:

*“Il-Bord, wara li studja l-kaz fid-dettal, wasal ghal konkluzjoni tezisti soluzjoni illi fil-waqt illi thares iz-zona tas-sit, timxi b'mod aktar gust mal-Appellant; u dan billi nofs is-sular t'isfel, (ground floor), jinbena bhala garaxx u nofs l-iehor jinbena bhala appartament kif muri fil-pjanta 1D fil-file PA3266/08. B'hekk l-impatt fuq l-inhawi jkun wiehed limitat.*

*Kien hemm qbil bejn il-partijiet illi l-parking requirement tal-proposta originali kienet ta' 8 parking spaces. Ladarba qed jitnaqqas unit rezidenzjali wiehed il-parking requirement ikun ta' 7 spazji.*

*Ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa’ parzjalment dan l-appell, to demolish existing building and erect ground floor maisonettes, overlying flats and penthouses, ihassar ir-rifut tal-permess ghall-izvilupp u jordna lis-Segretarja tal-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tohrog il-permess relattiv fi zmien tletin jum minn meta l-appellant jipprezenta pjanti emendati skont kif deskritt f'din id-decizjoni. Fil-kaz li jkun hemm nuqqas bejn is-7 postijiet ta' parkegg rikjesti u n-numru ta' postijiet li jigu pprovduti fil-ground floor garage ghandha tigi applikata l-policy tal-UIF.”*

Illi l-Awtorita’ intimata, llum appellanta, hassitha aggravata b’din is-sentenza u ghalhekk qed tinterponi dan l-umli appell.

Illi l-aggravju tal-Awtorita’ appellanta huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-**Artikolu 5 tat-Tieni Skeda tal-Kap. 504** jipprovdi illi: *“It-Tribunal għandu jkollu s-setgħa li jikkonferma, iħassar jew ibiddel decizjoni li kontra tagħha jkun sar appell u*

*jagħti dawk l-ordnijiet li jidhrulha xierqa. Izda it-Tribunal jista' jitlob l-appellant jipprezenta dokumenti u pjanti godda, f'liema kaz it-Tribunal għandu jagħti r-ragunijiet għal dik it-talba* ***izda s-sustanza tal-kwistjoni kif gietipprezentata quddiem l-Awtorità m'għandhiex tinbidel****.*

Illi mill-kunsiderazzjonijiet u d-decizjoni tal-Bord, senjatament is-segwenti: *"Il-Bord, wara li studja l-kaz fid-dettal, wasal ghal konkluzjoni tezisti soluzjoni illi fil-waqt illi thares iz-zona tas-sit, timxi b'mod aktar gust mal-Appellant;* ***billi nofs is-sular t'isfel, (ground floor), jinbena bhala garaxx u nofs l-iehor jinbena bhala appartament kif muri fil-pjanta 1D fil-file PA3266/08****."* u "...*jordna lis-Segretarja tal-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tohrog il-permess relattiv fi zmien tletin jum* ***minn meta l-appellant jipprezenta pjanti emendati skont kif deskritt f'din id-decizjoni****."*, jirrizulta b'mod car li b'din id-decizjoni l-Bord qed jitlob lill-appellant jipprezenta pjanti godda li jbidlu s-sustanza tal-kwistjoni kif giet ipprezentata quddiem l-Awtorita'.

Illi l-pjanti l-godda li gew mitluba mill-Bord effettivament se jbiddlu appartament f'*garages*. Kwindi huwa pales li l-Bord talab pjanti godda li jbidlu s-sustanza tal-kwistjoni kif giet ipprezentata quddiem l-Awtorita' u ghalhekk il-Bord agixxa kuntrarjament ghall-**Artikolu 5 tat-Tieni Skeda tal-Kap. 504**.

Ghaldaqstant, l-Awtorita' appellanta, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u filwaqt li tirrizerva d-dritt li jressaq dawk il-provi kollha lilha permessi skont il-ligi, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar nhar it-22 ta' Settembru 2011 fl-ismijiet *Victor Scerri vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar* fuq riferita, bl-ispejjez kontra l-appellat.

Rat id-dokument anness mar-rikors tal-Appell tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol 4 tal-process.

Rat li din l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Jannar 2012.

Rat ir-risposta tal-appell ta' l-appellat Victor Scerri datata 25 ta' Ottubru 2011 a fol 12 tal-process fejn espona:

Illi permezz ta' sentenza moghtija nhar it-22 ta' Settembru 2011, il-Bord tal-Appell dwar l-Ipjannar iddecieda l-appell fl-ismijiet fuq indikati favur l-esponenti appellat Victor Scerri a bazi illi nstabet soluzzjoni fejn l-esponenti appellat ma jigix imwaqqaf mill-progett u fl-istess hin iz-zona in kwistjoni tigi mharsa *in linea* mal-esigenzi tal-istess zona.

Illi l-esponenti appellat ghalkemm il-pjanijiet originali kienu differenti accetta d-decizjoni tal-Bord tal-Appell ghaliex l-istess esponenti appellat jifhem illi certu kriterji ghandhom jigu rispettati.

Illi l-appellipprezentat mill-appellanti huwa nsostenibbli ghaliex l-appellanti qeghdin jibbazzaw it-tezi taghhom fuq vjolazzjoni tal-**Artikolu 5 tat-tieni Skeda tal-Kap 504** fejn qed jallegaw illi l-Bord tal-Appell biddel is-sustanza tal-kwistjoni meta talab lill-esponent appellat sabiex jipprezenta pjanti godda. Is-semplici fatt illi l-esponenti appellat ipprezenta pjanti u dokumenti godda fuq rikjesta tal-Bord bl-ebda mod ma jfisser illi s-sustanza tal-kwistjoni nbidlet. Il-Bord ghamlet rikjesta li hija fid-diskrezzjoni taghha li taghmel sabiex hadet id-decizjoni fuq indikata instab kompromess fejn l-progett in kwistjoni baqa' *in linea* mal-esigenzi taz-zona.

Illi *inoltre* d-dokumenti u pjanijiet rikjesti mill-istess Bord bl-ebda mod ma jistghu jigu kkunsdrati bhala bdil fis-sustanza tal-kwistjoni ghaliex dawna ma biddlux l-“foot print” tal-progett propost jew in-numru ta' sulari u *semmai* bil-pjanijiet proposti l-esponenti appellat naqqas id-densità residenzjali fiz-zona billi kkonverta wieħed mill-*maisonettes* fuq il-pjan terran ġo garaxx biex parzjalment jagħmel tajjeb għat-telf ta' postijiet għall-parkeġġ li originarjament kienet ir-raġuni għar-rifjut.

Ghalqsastant *in vista* ta' dawn il-motivi l-esponenti filwaqt li jaghmlu riferenza ghall-atti tal-kawza quddiem il-Bord u jirriserva d-dritt li jressaq dawk il-provi lilu permess skont il-ligi jissottometti bir-rispett illi s-sentenza moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ipjannar nhar it-22 ta' Settembru 2011, hija korretta u timmerita konferma fl-intier taghha bl-ispejjes kontra l-istess atturi appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta' Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Ian Vella Galea ghall-Awtorita` appellanti, u Dr. Paul Gauci Maistre ghall-appellat prezenti, li irrileva li dan l-appell hu *fuori termine* ghax ma sarx fi zmien hmistax-il gurnata (15) mid-data tad-decizjoni tat-22 ta' Settembru 2011. Dr. Ian Vella Galea irrimetta ruhu. Il-Qorti nnotat li hi sprovista mill-process u ordnat li dan jigi allegat minnufih. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostaskolu ghall-31 ta' Jannar 2012.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 22 ta' Settembru 2011 a fol.  tal-process, fejn permezz taghha esebixxa kopja awtenitikata tal-file tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **"Victor Scerri vs L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbal datata 31 ta' Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta' Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Frar 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-ewwel punt li tqajjem fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2012 quddiem din il-Qorti huwa li l-appell ma sarx fit-terminu stipulat fil-ligi u ghalhekk huwa null u bla effett. Fil-fatt jirrizulta li mentri s-sentenza inghatat fit-22 ta'

Settembru 2011, ir-rikors tal-appell tal-Awtorita' appellanti gie pprezentat fil-10 ta' Ottubru 2011 b'dan allura sar wara li skada t-terminu ta' hmistax (15) il-jum stipulati mill-**artikolu 15 (10) tal-Kap. 356.**

Illi fil-fatt dan jirrizulta li huwa minnu u hawn issir riferenza ghall-**artikolu 30 tal-Att VIII tal-2007** li rega' stabilixxa t-terminu meta seta` jsir appell quddiem din il-Qorti u dan b'emenda ghall- **artikolu 15 (10) tal-Kap. 356**.

Illi jirrizulta li din l-emenda ghall-istess **Kap. 356** dahlet fis-sehh bl-**artikolu 30 tal-Att VIII tal-2007** u fil-fatt mill-istess ligi jidher li din hija l-annotazzjoni li hemm fl-imsemmi **Kap. 356,** b'mod li jidher li din l-emenda giet inkorporata fl-istess ligi. Fil-fatt bis-sahha moghtija skond l-**artikolu 1 (2)** tal-imsemmi **Att VIII tat-2007,** bl-**Avviz Legali 197 tal-2007** giet stabbilita d-data tat-27 ta' Lulju 2007 meta l-istess **artikolu 30** msemmi dahal fis-sehh.

Illi tenut kont li d-decizjoni tal-Bord hija datata 22 ta' Settembru 2011 mentri dan l-appell sar fl-10 ta' Ottubru 2011, ma hemmx dubju li l-appell sar *fouri termine* u cjoe' wara li skada t-terminu indikat fl-**artikolu 52 (10) tal-Kap. 356,** liema terminu huwa perentorju skond kif ritenut korrettement fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-appell tal- **l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 27 ta' Ottubru 2003), fl-ismijiet **"Noel Attard vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 25 ta' Marzu 2010) . Ghalhekk l-appell qed jigi michud u l-ewwel eccezzjoni tal-appellat qed tigi accettata.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni ta' l-appellat imqajma fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2012 li l-appell huwa fouri termine, **tichad l-appell interpost mill-Awtorita' appellanti** fir-rikors ta' l-appell taghha, datat 10 ta' Ottubru 2011, u tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tat-22 ta' Settembru 2011 fl-ismijiet **"Victor Scerri vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar".**

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti u r-rikorrenti l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------